

Kif tidentifika l-aħbarijiet foloz

"L-aħbarijiet foloz" u d-diżinformazzjoni – informazzjoni deliberatament manipulata bil-għan li tinganna lin-nies – saru fenomenu globali li dejjem qed isir aktar preżenti. Il-midja soċjali u l-għodod ta' personalizzazzjoni tagħhom għamluha aktar faċli biex jinxterdu stejjer foloz. Spiss jużaw l-emozzjonijiet biex jiġbdu l-attenzjoni u jiġġeneraw ikklikkjar, għal raġunijiet ekonomiċi jew ideoloġiċi. Anki ż-żgħażaġh, li huma familjari ħafna mal-użu tat-teknoloġiji diġitali, isibuha diffiċli biex jidentifikaw l-aħbarijiet manipulati. B'mod sinifikanti, sitta minn kull għaxar aħbarijiet ixxerjati permezz tal-midja soċjali lanqas biss jinqraw minn min ikun għamel "share" tagħhom. Madwar 85 % tal-Ewropej jikkunsidraw "l-aħbarijiet foloz" bħala problema f'pajjiżhom, u 83 % jikkunsidrawhom bħala problema għad-demokrazija b'mod ġenerali. Din il-boxxla se tgħinek tinnaviga fl-oċean ta' informazzjoni, u tgħinek issib triqtek fil-mewġ ta' gideb u diżinformazzjoni.

8. INGĦAQAD MAL-MYTH BUSTERS (DAWK LI JIKXFU L-ISTEJJER WARA L-MITI)⁽²⁾

Żomm ruħek aġġornat dwar l-aħħar metodi u narrattivi użati minn dawk li jxerrdu d-diżinformazzjoni. Irrapporta l-istejjer foloz. Għid lil sħabek.

7. KUN SUSPETTUŻ DWAR IS-SIMPATIJI TIEGHEK STESS

Xi drabi storja hija tajba wisq jew divertenti wisq biex tkun vera. Hu nifs fil-fond, qabbell ma' sorsi affidabbli u ibqa' kalm.

6. AĦSEB QABEL MA TIXXERJA

L-istorja tista' tkun distorsjoni ta' avvenimenti reali jew qodma – jew tista' tkun satira. It-titolu jista' jkun maħsub biex iqanqal emozzjonijiet qawwija. Jekk avveniment huwa reali, entitajiet tal-midja affidabbli se jkopruh.

1. IĊĊEKKJA L-KONTENUT

Il-fatti u ċ-ċifri huma preċiżi?
L-artikolu huwa bbilanċjat? Entità tal-midja kredibbli żżomm opinjonijiet li jxaqilbu lejn naħa waħda fejn jappartjenu – f'artikli ta' opinjonisti, u mhux f'artikli tal-aħbarijiet.

2. IĊĊEKKJA S-SORS

Tafu? Il-URL jidher stramb?
Iċċekkja t-taqsima "Min aħna".
Min hemm warajh? Min qiegħed jiffinanzjah? Ivverifika xi għid u sorsi (affidabbli) oħra.

3. IĊĊEKKJA L-AWTUR


Din il-persuna teżisti jew le?
Ġurnalista rispettabbli dejjem ikollu reputazzjoni. Jekk l-awtur ikun ivvinta ismu jew isimha (jew ma jsemmihx), x'aktar li l-bqija jkun falz ukoll.

4. IĊĊEKKJA S-SORSI

L-awtur juża sorsi affidabbli (pereżempju, entitajiet tal-midja stabbiliti sew u rispettati)?
L-esperti kkwotati huma verament speċjalisti? Jekk l-istorja tuża sorsi anonimi (jew ma tuża l-ebda sors), din tista' tkun storja falza.

5. IĊĊEKKJA L-ISTAMPI

L-immaġni għandhom impatt kbir, u huwa faċli li jiġu mmanipulati. Tiftixa ta' immaġni tista' turi jekk intużatx qabel f'kuntast differenti. Il-plugin InVID⁽¹⁾ jista' jgħinek tidentifika manipulazzjoni ta' filmati jew stampi.



1) Ikseb il-plugin [mill-proġett InVID](#).

2) Pereżempju, segwi [@EUvsDisinfo](#)/[@EUvsDisinfo](#), [@DFRLab](#)/[@DFRLab](#) jew [@StopFakingNews](#)/[@stopfakeukraine](#) Din hija verżjoni riveduta tan-nota "mad-daqqa t'għajn" ippubblikata f'Marzu 2017.

